# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)**

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 20 ta' Ġunju 2025**

**Rikors Nru. 239/2025**

## Daniel Muka

**v**

## Il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali u l-Avukat ta' l-Istat

**Daħla**

1. Daniel Muka jinsab akkużat, flimkien ma' Victor Dragomanski, bl-omiċidju ta' Christian Pandolfino u Ivor Piotr Maciejowslci u reati oħra (atti tal-akkuża numri. 6/2022/1 u 7/2022/1). Is-smigħ quddiem il-Qorti Kriminali, bil-ġurati, beda fis-16 ta' Ġunju 2025.

2. Fis-17 ta' Ġunju 2025 is-sur Muka ressaq rikors (ir-"Rikors Prinċipali") quddiem din il-qorti li permezz tiegħu qiegħed jitlob dikjarazzjoni li, bil-mod kif qed jitmexxa l-smigħ kriminali imsemmi hawn fuq, qed jinkiser id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, dritt protett mill-Kostituzzjoni u mill-Kap. 319. Għalhekk qiegħed jitlob ordni indirizzata lill-Qorti

Kriminali biex dik il-qorti tissospendi s-smigħ sakemm ir-Rikors Prinċipali jiġi deċiż b'mod finali jew li jingħata dak ir-rimedju li din il-qorti jidhrilha xieraq.[1]

3. Ukoll fis-17 ta' Ġunju 2025, b'rikors 'urġenti'[2] fl-atti ta' din il-kawża, is-sur Muka talab – bħala rimedju proviżorju – lil din il-qorti tordna lill-Qorti Kriminali biex tissospendi il-smigħ tal-imsemmija akkużi kontrih 'pendenti d-determinazzjoni ta' ... [-]l-lanjanzi' quddiem din il-qorti.

4. Dan hu provvediment dwar it-talba fir-rikors tas-17 ta' Ġunju 2025 għal rimedju proviżorju (ir-"Rikors għal-Rimedju Proviżorju").

**Il-fatti relevanti**

5. L-ilment ċentrali tas-sur Muka hu li ma ngħatax biżżejjed żmien għat-tħejjija tad-difiża tiegħu qabel ma beda l-ġuri fis-16 ta' Ġunju 2025.

6. L-ilment tressaq f'paragrafu wieħed fir-Rikors għal Rimedju Proviżorju. Jingħad fih li qed jinkiser id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq

> " ... stante li l-Avukat Sottoskritt ma ingħatax żmien adegwat sabiex jipprepara d-difiża tiegħu u dan stante li l-esponenti ingagga lil tali Avukat proprju erba' t'ijiem ilu u cioe nhar it-13 ta' Gunju 2025."

7. Ir-Rikors Prinċipali fih ftit iżjed dettall. Fost affarijiet oħra, jingħad fih li:

   a. Kemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali, is-sur Muka

   > " ... kien rinfaccat b'sitwazzjoni xejn felici mal-Avukat privat precendti [sic] tieghu tant li ma setax iqabbad Avukat privat iehor minhabba kwistjoni civili bejnu u bejn l-istess Avukat privat, liema kwisjoni zammet lill-esponent milli jottjeni r-rilaxx necessarju"[3]

---

[1] Dan hu sunt tat-talbiet tar-rikorrenti, f'para 1 sa 5 tal-konklużjoni tar-Rikors Prinċipali (ara paġni 7 u 8).
[2] Il-qorti kemm-il darba kellha tgħid li rikors urġenti ma jeżistix. L-urġenza tista' tintalab, imma ma tiġix deċiża mill-parti.
[3] It-tieni paragrafu tal-ewwel parġna tar-Rikors Prinċipali. Hu daqshekk diffiċli li paragrafi jiġu numerati?

b. Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja erronjament u biex tiżblokka s-sitwazzjoni 'hatret habta u sabta mingħajr talba espressa [tas-sur Muka] Avukat tal-Ghajnuna Legali ossia Dr. Josette Sultana';[4]

c. Is-sur Muka qatt ma ried Avukat tal-Għajnuna Legali imma avukat fil-prattika privata u għalhekk hu għażel li ma jikkomunikax mal-avukat Sultana.[5] B'mod partikolari hu ma riedx ikun rappreżentat mill-avukat Sultana għall-ġuri;

d. L-avukat Mario Mifsud assuma d-difiża tiegħu fit-13 ta' Ġunju 2025, meta l-ġuri kellu jibda, kif beda, fis-16 ta' Ġunju 2025;

e. L-avukat Mifsud ġie avviċinat b'dan il-każ

> " ... jumejn biss wara illi l-avukat [sic] kollha li huma prova javvicina baqghu jirrifjutaw illi jippartecipaw fil-guri tal-istess Daniel Muka sforz il-pregudizzju kbir illi hemm fuq dan il-kaz"[6]

f. Issa li qabbad avukat fil-prattika privata hu għandu jingħata tal-inqas il-perjodu minimu ta' għoxrin jum biex jipprepara d-difiża tiegħu;[7] u

g. L-avukat Mario Mifsud deher għall-ewwel ġurnata tal-ġuri u f'xi ħin talab lill-Onor Imħallef li qed tippredjedi biex tisspospendi l-ġuri biex ikolli ż-żmien meħtieġ biex jipprepara d-difiża. L-Imħallef ċaħdet it-talba għaliex, li kieku kellha tilqa' t-talba, ir-rikorrent kien ikun f'pożizzjoni li jitlob il-ħelsien mill-arrest u għaliex, f'kull każ, ir-rikorrent kellu biżżejjed żmien biex iqabbad avukat. Dan ma kienx minnu għaliex 'huwa stinka u ghamel minn kollox biex jinkariga avukat qabel biss però ma setax u ma sabx'.[8]

8. Waqt is-smigħ tad-19 ta' Ġunju 2025, ir-rikorrent, mitlub biex jelabora dwar il-fatti u, b'mod partikolari, biex jagħti *timeline*, ma talab l-ebda opportunità li jressaq provi, għajr li jissejħu l-kap ta' Għajnuna Legali Malta u l-avukat Josette Sultana biex jiġi ppruvat li s-sur Muka ma riedx ikun assistit minn avukat mill-aġenzija. Din il-prova ma kienitx meħtieġa għaliex l-intimati aċċettaw li s-sur Muka (i) qatt ma talab assistenza minn avukat tal-aġenzija; (ii) konsistentement stqarr li ma riedx avukat mill-aġenzija, anki meta maħtur

---

[4] It-tielet paragrafu tal-ewwel paġna tar-Rikors Prinċipali.
[5] It-tieni paragrafu (u oħrajn, fosthom it-tielet paragrafu) tat-tieni paġna tar-Rikors Prinċipali.
[6] It-ħames paragrafu tat-tieni paġna tar-Rikors Prinċipali.
[7] It-tmien u d-disa' paragrafi tat-tieni paġna tar-Rikors Prinċipali; u l-ewwel sar-raba' paragrafi fit-tielet paġna ta-Rikors Prinċipali. Ara ukoll it-tieni paragrafu tar-raba' paġna tar-Rikors Prinċipali.
[8] It-seba' u t-tmien paragrafi tat-tielet paġna tar-Rikors Prinċipali.

mill-qrati ta' kompetenza kriminali; u (iii) irrifjuta kull forma ta' komunikazzjoni mal-avukati tal-għajnuna legali.[9]

9. Fuq suġġeriment tal-intimati, il-partijiet qablu li, għall-finijiet ta' prova ta' dak li kien seħħ tul il-proċess kriminali, il-qorti setgħet tqis il-verbali tal-qrati ta' kompetenza kriminali.

10. Hu ċar mill-verbali li l-fatti kif imfissra fir-Rikors Prinċipali huma nieqsa minn ħafna dettalji ta' importanza; u kif ukoll li aspetti minn dak imfisser hu impreċiż.

   a. Il-ġuri diġà ġie pospost darbtejn fl-2023 minħabba fil-kwistjoni dwar ir-rappreżentanza tas-sur Muka;[10]
   b. Is-sur Muka kien rappreżentat, fi stadji differenti tal-proċeduri, mill-avukati (fil-prattika privata) Noel Bianco, Alfred Abela u Rene Darmanin. Kollha, għal xi raġuni jew oħra, ma baqgħux jidhru għalih;
   c. L-avukat Sultana ma kienitx l-ewwel avukat tal-għajnuna legali maħtura biex tirrappreżenta lis-sur Muka. Qabilha kien hemm l-avukat Simon Micallef Stafrace, li ukoll ma kienx igawdi l-fiduċja tas-sur Muka;
   d. Filwaqt li jidher li hu minnu li, għal xi żmien, is-sur Muka ma setax iqabbad avukat għaliex l-avukat li kien inkariga qabel kien qed jinsisti li jitħallas qabel ma jagħti l-kunsens tiegħu biex jitqabbad avukat ieħor, din il-problema tidher li kienet ingħelbet fl-1 ta' Marzu 2024, meta l-avukat deher u ta l-kunsens meħtieġ;[11] u
   e. Id-data biex jibda l-ġuri - 16 ta' Ġunju 2025 - ġiet iffissata fl-14 t'April 2025.[12] Ir-rikorrent kien preżenti meta ġiet iffissata d-data, u ġie mgħarraf biha uffiċjalment fil-15 t'April 2025. Il-Qorti, waqt smigħ preparatorju tat-2 ta' Ġunju 2025, fakkret lis-sur Muka li kien għadu fil-ħin biex jaħtar avukat magħżul minnu stess, jekk xtaq li

---

[9] Dan kollu jirriżulta b'mod ċar mill-verbali tas-smigħ quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali.
[10] Meta ġie pospost l-ewwel darba, il-qorti tat lis-sur Muka tletin jum biex iqabbad avukat. Meta l-ġuri reġa ġie biex jinstema' f'Ottubru 2023, is-sur Muka wera li ma riedx li jiddefendih l-avukat tal-għajnuna legali mqabbad dak iż-żmien – l-avukat Simon Micallef Stafrace – imma ried avukat fil-prattika privata. Ma kellux avukat, iżda indika li kien f'diskussjonijiet mal-avukat Daniel Attard, iżda li dan l-avukat ma kkonfermax li kien lest jidħol għad-difiża tiegħu. Il-Qorti Kriminali reġgħet ipposponiet għal April 2024, biss wissiet li setgħet dejjem tapplika l-artikolu 570(5) tal-Kap. 9. Il-ġuri ma nżammix f'April 2024 anki għaliex, lejn l-aħħar tal-2023 kienet saret talba, eventwalment milqugħa, biex il-ġurijiet tas-sur Muka u tas-sur Dragomanski, jinstemħu f'daqqa (ara verbal tas-27 ta' Novembru 2023, fost atti oħra).
[11] Ara verbal tal-1 ta' Marzu 2024.
[12] Ara verbal tal-14 t'April 2025.

jagħmel hekk, b'dan li l-avukat kellu jaċċetta li jiddefendih fil-ħin li kien fadal, għaliex il-Qorti Kriminali ma kienitx bi ħsiebha terġa' tipposponi l-ġuri.

11. Nieqes ukoll mill-fatti mressqa mis-sur Muka hu li fil-11 t'April 2025 hu kien ġa talab rimedju proviżorju lil din il-qorti – presjeduta mill-Onor Imħallef A Demicoli – sabiex tissospendi s-smigħ tal-att tal-akkuża fil-konfront tiegħu, qabel ma kellha tingħata data biex jinstema' l-ġuri.[13] It-talba ġiet miċħuda b'digriet mogħti kameralment fl-14 ta' Jannar 2025.

12. Kif rajna, is-sur Muka għamel, fir-Rikors Prinċipali, varji stqarrijiet ir-rappreżentanza tiegħu minn avukat. In kwantu l-istqarrijiet jirrigwardaw l-avukati tal-għajnuna legali, dak li qal mhux sostanzjalment kontestat u hu anki kkonfermat mill-verbali tal-Qorti Kriminali.[14] Iżda dwar dak li jgħid fir-rigward ta' avukati fil-prattika privata, hemm aspett importanti li dwaru l-verżjoni tas-sur Muka kienet ftit jew wisq żvijanti: kif rajna, ta l-impressjoni li l-problema tal-kunsens ta' avukat preċedenti tiegħu kienet ta' tfixkil tal-inqas sa dan l-aħħar, meta fil-fatt il-kwistjoni ngħelbet iktar minn sena ilu.

13. Dwar il-bqija ta' dak li jgħid (ħlief dak li jirriżulta mill-verbali tal-Qorti Kriminali dwar l-avukat Daniel Attard, inċident ta' iktar minn sena ilu)[15] ma pprova xejn. Għalkemm jgħid li avviċina ħafna avukati; li dawn jew injorawh jew ma tawhx risposta; u li avviċina lill-avukat Mario Mifsud jumejn biss wara li l-aħħar attentat tiegħu biex iqabbad avukat ieħor kien falla, xejn minn dan ma hu sostnut minn prova, imqar dikjarazzjoni maħlufa minnu stess.

**Konsiderazzjonijiet**

14. L-avukati tal-partijiet qablu, waqt it-trattazzjoni, li biex il-qorti tilqa' talba bħal dik tal-lum, ir-rikorrenti irid juri, fost ħwejjeġ oħra, li hemm każ *prima facie* ta' ksur tal-jedd fundamentali invokat.[16]

---

[13] Dan sar fil-kuntest ta' rikors prinċipali ieħor, referenza 140/2025 *Daniel Muka v Il-Kummissarju tal-Pulizija et.*

[14] Waqt it-trattazzjoni kien hemm nuqqas ta' qbil dwar dak li seta' ngħad jew ma ngħadx mir-rikorrent dwar l-avukat Micallef Stafrace, imma l-punt m'għandux importanza.

[15] Ara verbal tal-10 ta' Jannar 2024.

[16] Ara, fost oħrajn, Rik 229/2019, *HSBC Bank (Malta) p.l.c. v L-Avukat tal-Istat et*, Prim'Awla, deċ. 16 ta' Ġunju 2020; Rik 407/2022/1, *Alfred Degiorgio v L-Avukat tal-Istat et*, Prim'Awla, deċ. 12 t'Awwissu 2022; u kif ukoll Rik 140/2025*, Daniel Muka v Il-Kummissarju tal-Pulizija et,* deċ. 14 t'April 2025.

15. Kif rajna, l-ilment tas-sur Muka hu li ma kellux biżżejjed ħin biex iħejji d-difiża tiegħu għall-ġuri. Dan ma kienx għaliex l-avviż li kien ser jsir il-ġuri ngħata fi żmien qasir wisq, imma għaliex hu rnexxielu jqabbad avukat tlett ijiem biss qabel kellu jibda l-ġuri; u dan mingħajr ħtija min-naħa tiegħu.

16. Issa hu minnu li l-avukat Mifsud, fil-jumejn bejn id-data li tqabbad u l-ġurnata li fih beda l-ġuri, ma kellux biżżejjed żmien biex iħejji difiża. Imma d-dritt mhux tal-avukat, imma tas-sur Muka. Kif qalet il-qorti presjeduta mill-Onor Imħallef A Demicoli fil-proċeduri li ġja ssemmew,[17] mill-fatti kif jirriżultaw s'issa jidher li hu kellu tal-inqas mill-1 ta' Marzu 2024 biex iqabbad avukat ġdid, tal-għażla tiegħu, biex jirrappreżentah waqt il-ġuri.[18] Kellu ukoll avviż ta' xahrejn li kien ser jinstema' l-ġuri.

17. Issa hu minnu ukoll li s-sur Muka jgħid li hi għamel ħiltu biex iqabbad avukat u li l-isforzi tiegħu kienu mingħajr suċċess sakemm, fl-aħħar minuta, sab lill-avukat Mario Mifsud. Imma, kif rajna, is-sur Muka lanqas għamel attentat li jagħmel prova ta' dak li qal.[19] Barra minn hekk, u kif jistqarr hu stess, hu ma riedx li d-difiża tiegħu ssir minn avukat għall-għajnuna legali, minkejja li l-qrati ta' kompetenza kriminali ħatru tali avukat għal darba darbtejn, anki mingħajr talba min-naħa tiegħu.[20] Xejn ma żammu milli jaħdem mal-avukati maħtura mill-Istat biex jiddefenduh sakemm – jekk dak li jgħid hu minnu – sab avukat fil-prattika privata.

---

[17] Ara Rik 140/2025*, Daniel Muka v Il-Kummissarju tal-Pulizija et,* deċ. 14 t'April 2025, para 22

[18] Ara verbal tal-1 ta' Marzu 2024 tal-Qorti Kriminali, minn fejn jirriżulta li l-avukat Noel Bianco kien ta l-kunsens biex is-sur Muka jqabbad avukat minfloku.

[19] Il-qorti mhix qiegħda tgħid li kieku s-sur Muka ressaq din il-prova, dan kien ikun biżżejjed biex juri l-ksur li jallega. Qiegħda tgħid biss li mingħajr din il-prova, il-każ tiegħu falla qabel biss beda. Il-qorti tosserva ukoll li filwaqt li hu xogħol l-avukat li, fil-bidu tal-kawża u tul is-smigħ tagħha, iressaq il-verżjoni fattwali tal-klijent tiegħu minkejja li ma tkunx għadha ġiet ippruvata, fl-istadju tas-sottomissjonijiet hu fid-dmir li jressaq argumenti mibnija fuq il-provi biss.

[20] It-teżi tas-sur Muka li dawn il-ħatriet, għaliex ma sarux fuq talba tiegħu, kienu jiksru d-drittjiet tiegħu għandha mill-frivolu. Kienet x'kienet ir-raġuni għaliex hu ma qabbadx avukat tal-għażla tiegħu, kien l-obbligu tal-qorti li taħtar avukat biex jiddefendih. Kien għalih jiddeċiedi jikkoperax jew le.

18. Għalhekk, fid-dawl tal-fatti kif jirriżultaw f'dan l-istadju,[21] ma jidhirx, mad-daqqa t'għajn, li nkiser id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq għaliex ma ngħatax biżżejjed żmien biex iħejji d-difiża tiegħu.

19. Isegwi li l-qorti m'għandhiex għalfejn tidħol f'dawk il-konsiderazzjonijiet li kien ikollha tqis biex tara jekk għandhiex tagħti r-rimedju mitlub li kieku r-rikorrent wera li hemm ksur *prima facie*.[22]

**Deċiżjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tiċħad it-talba, bl-ispejjeż kontra rikorrent.

Mogħti kameralment.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

---

[21] Ara Rik 140/2025*, Daniel Muka v Il-Kummissarju tal-Pulizija et,* deċ. 14 t'April 2025, para. 13: kull sejbien f'dan l-istadju hu proviżorju, magħmul fuq provi u sottomissjonijiet limitati. Il-kwistjoni dwar kemm qorti tista' u għandha tqis il-mertu fi proċeduri għal miżura proviżorja ġiet meqjusa fil-kawża 552/2023, *L-Avukat Valenzia noe v Thomas Berger*, deċ. 12 ta' Diċembru 2024 (appellata).

[22] Għal lista ta' dawk li jissejħu linji gwida, ara Rik 229/2019, *HSBC Bank (Malta) p.l.c. v L-Avukat tal-Istat et*, Prim'Awla, deċ. 16 ta' Ġunju 2020; ara ukoll Rik 472/2022, *Repubblika v L-Avukat tal-Istat,* Qorti Kostituzzjonali, deċ. 24 ta' Novembru 2022 għal konsiderazzjoni li kienet tkun relevanti f'dan il-każ kieku ntwera ksur *prima facie*. Dan billi dak li qiegħed jintalab fir-rimedju proviżorju jista' jitqies li hu l-istess li qed jintalab fir-Rikors Prinċipali.